

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-Aġenda Ekoloġika u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Balkani tal-Punent bħala parti mill-proċess tal-adeżjoni mal-UE”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2020/C 429/16)

Relatur: **Dragica MARTINOVIĆ DŽAMONJA**

Korelatur: **Pierre Jean COULON**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX)
Adottata fis-sezzjoni	24.7.2020
Adottata fil-plenarja	18.9.2020
Sessjoni plenarja Nru	554
Riżultat tal-votazzjoni	215/1/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) appoġġja u jibqa' jippromovi bil-qawwa t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ⁽¹⁾ dment li dawn jissodisfaw il-kriterji meħtieġa għas-sħubija.

1.2. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-metodoloġija riveduta li tippermetti l-ftuħ tan-negożjati ta' adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija, u l-isforzi tagħha biex tagħmel il-proċess aktar dinamiku u prevedibbli. Madankollu, il-KESE jappella għal rwol imsaħħaħ tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.3. Il-KESE jemmen li l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 għandu jħaddan politiki ekoloġiċi, u li t-tranżizzjoni ekoloġika għandha tkun parti integrali minn pjan ta' rkupru komprensiv u li jħares 'il quddiem fil-Balkani tal-Punent ⁽²⁾. Għal dan l-għan, il-KESE jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni Ewropea ta' pakkett ta' għajnuna għall-irkupru għall-Balkani tal-Punent.

1.4. Il-KESE jemmen li l-Balkani tal-Punent għandhom jallinjaw ruħhom ma' politiki u inizjattivi Ewropej importanti u jkun inklużi fihom, li, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, huwa partikolarment il-każ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.5. Fid-dawl tal-investimenti sinifikanti u l-adattamenti regolatorji meħtieġa, il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol partikolarment importanti fit-tranżizzjoni lejn soċjetà aktar ekoloġika u aktar sostenibbli, speċjalment fir-rigward ta' kuntesti politiki speċifiċi fil-Balkani tal-Punent.

1.6. Il-KESE jtenni l-importanza li tiġi garantita l-libertà ta' assoċjazzjoni u li jiġi żgurat li jkun hemm spazju ċiviku, kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal djalogo ċivili b'saħħtu u effettiv.

⁽¹⁾ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo (din ir-referenza hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus tal-Kosovo, u hija konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo) il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja.

⁽²⁾ COM(2020) 315 final (29/04/2020) *Komunikazzjoni dwar appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija.*

1.7. Il-KESE jfakkar li l-Balkani tal-Punent huma sensitivi ħafna għall-impatti tat-tibdil fil-klima li jirriżultaw fi ħsara għas-saħħa ġenerali u għall-ekonomija, u jeħtieġu azzjoni urġenti biex itejbu l-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tagħhom, speċjalment it-tfal u ż-żgħażaġh, permezz ta' tranżizzjoni ġusta lejn mudell aktar ekoloġiku, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju li "ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura".

1.8. Il-KESE jitlob li l-azzjonijiet futuri lejn Balkani tal-Punent aktar ekoloġiċi jiġu adattati għall-isfidi u l-bżonnijiet speċifiċi tar-reġjun, inkluż qafas regolatorju adegwat, attivitajiet transfruntiera, soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, enerġija prodotta u kkonsumata lokalment u effiċjenza fl-enerġija, trasport urban sostenibbli, networks tat-toroq u ferrovjarji, involviment pubbliku u privat, ICT u implimentazzjoni rapida tal-internet, miżuri agroalimentari, eċċ.

1.9. Il-KESE jqis li l-isfidi rigward id-dekarbonizzazzjoni, it-tindif tal-arja, l-ilma u l-ħamrija mit-tniġġis, il-konnettività u t-tibdil fil-klima fil-Balkani tal-Punent jistgħu jinbidlu f'opportunitajiet billi jsir investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, jiġu mitgħallma u adottati approċċi alternattivi, soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari, tal-immaniġġjar tal-iskart, għal enerġija aktar ekoloġika u soluzzjonijiet ta' konnettività, kif ukoll miżuri attivi għall-ħarsien tal-bijodiversità kbira tar-reġjun.

1.10. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati ħiliet ekoloġiċi fi strateġiji attivi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni/taħriġ u l-ħiliet, b'enfasi partikolari fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti u fi djalogu soċjali effettiv.

1.11. Il-KESE jisħaq li l-governanza tajba u l-istituzzjonijiet demokratiċi, l-istat tad-dritt, politiki kontra l-korruzzjoni li jirnexxu, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà jeħtieġ li jiġu implimentati sew fil-Balkani tal-Punent. Billi l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija teħtieġ investiment sostanzjali, huwa essenzjali li jiġi mfakkar li l-istat tad-dritt huwa fattur ewlieni għall-iżgurar ta' klima kummerċjali effettiva u biex jiġi attirat l-investiment dirett privat u barrani.

2. L-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea

2.1. Il-KESE appoġġja bil-qawwa t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent dment li dawn jissodisfaw il-kriterji meħtieġa għas-sħubija. Huwa stabbilixxa network b'saħħtu ħafna mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun, u huwa impenjat bis-sħiħ li jaċċerta li l-vuċi tagħhom tinstema'.

2.2. Il-KESE jilqa' s-solidarjetà lejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent espressi mill-mexxejja Ewropej fis-Summit ta' Zagreb fis-6 ta' Mejju 2020, madankollu, ifakkar fil-kontribut tiegħu⁽³⁾ fejn enfasizza fuq involviment akbar fit-tkabbir fil-futur, u jiddispaċċi dwar ir-rikonoxximent insuffiċjenti tal-importanza tal-vuċi tas-soċjetà ċivili.

2.3. Il-KESE jilqa' l-komunikazzjoni dwar *It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent*⁽⁴⁾, li tipproponi metodoloġija riveduta għall-pajjiżi kandidati bil-għan li l-proċess ikun aktar kredibbli biex jiġi xprunat it-tkabbir, madankollu, jinnota b'dispaċċir ir-rikonoxximent insuffiċjenti tar-rwol tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvernijiet biex jiġu ssodisfati l-kriterji meħtieġa tal-adeżjoni, b'mod partikolari il-kwistjonijiet fundamentali, kif ukoll tal-ġabra ta' kapitoli "Aġenda ekoloġika u konnettività sostenibbli".

2.5. Il-KESE jappoġġja l-pakkett ta' għajjnuna tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu appoġġjati l-Balkani tal-Punent fl-isforzi tagħhom kontra l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19, kif spjegat fid-dettall fil-komunikazzjoni dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19⁽⁵⁾ u l-komunikazzjoni dwar appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija⁽⁶⁾.

2.6. Filwaqt li jżid l-impenji tiegħu għar-reġjun, kemm fir-rigward tar-rispons għall-kriżi kif ukoll tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment futur għall-Balkani tal-Punent, il-KESE jitlob aktar insistenza fuq ir-riformi u l-kondizzjonalità tal-involviment tal-UE ma' riformi demokratiċi u r-rispett għal valuri fundamentali Ewropej bħall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

⁽³⁾ Il-Kontribut tal-KESE għas-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fis-6 ta' Mejju 2020 (pubblikat 28.4.2020). <https://www.eesc.europa.eu/mt/news-media/presentations/contribution-au-sommet-ue-balkans-occidentaux-du-6-mai-2020>

⁽⁴⁾ COM(2020) 57 final (5.2.2020) *It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni — Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent*.

⁽⁵⁾ JOIN(2020) 11 (8.4.2020) *Komunikazzjoni dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19*.

⁽⁶⁾ COM(2020) 315 final (29.4.2020) *Komunikazzjoni dwar appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija*.

2.7. Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, jeħtiġilhom ikunu involuti b'mod sinifikanti fil-proċess sħiħ tal-integrazzjoni tal-UE tal-Balkani tal-Punent. Jeħtiġ li l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu msaħħa permezz ta' appoġġ tekniku u ekonomiku, billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament Ewropew u billi jiġu involuti b'mod sħiħ fil-proċess tan-negozjati tal-ađeżjoni⁽⁷⁾.

3. Patt ekoloġiku, aspett importanti tal-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea

3.1. Il-KESE jemmen li l-Balkani tal-Punent għandhom ikomplu jallinjaw ruħhom mal-linji gwida, l-oġġettivi u l-valuri tal-UE, u l-UE għandha tistinka biex tinkludi lill-Balkani tal-Punent fl-inizjattivi tagħha. Dan huwa speċjalment il-każ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu jinkludi lill-Balkani tal-Punent minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom stess, fil-qalba tal-kontinent Ewropew, imdawrin bl-UE fuq kull naħa. Għalhekk mhijiex ta' sorpriża li l-komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku tal-11 ta' Diċembru 2019 tħabbar b'mod speċifiku "Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent"⁽⁸⁾ fil-qafas tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent li se jiġi ppreżentat fl-aħħar tal-2020.

3.2. Il-KESE jappella għal Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent sabiex tissaħħaħ u titħeġġeġ b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija u t-trasport. Il-parteċipazzjoni attiva u l-involvement tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'komunitajiet, trattati u inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti huma essenzjali sabiex jinkisbu benefiċċji għall-benesseri u s-saħħa taċ-ċittadini fir-reġjun, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ċirkolari tal-Balkani tal-Punent. L-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent għandha tindirizza dawn il-problemi permezz ta' ħames pilastri tematiċi: 1) id-dekarbonizzazzjoni; 2) l-ekonomija ċirkolari; 3) il-bijodiversità; 4) it-tniġġis u 5) miżuri agroalimentari.

3.3. Il-KESE jemmen li l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq iċ-ċittadini u n-negozji huwa enormi, u dan jeħtiġ kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-oġġettivi tal-politika. Madanakollu, il-KESE jemmen li t-tranżizzjoni ekoloġika għandha tkun parti integrali minn pjan ta' rkupru komprensiv, li għandu jkun iħares 'il quddiem u jinkludi investimenti pubbliċi u privati fuq skala kbira fil-konnessjonijiet tat-trasport u tal-enerġija, iffrankar tal-enerġija min-naħa tad-domanda u teknoloġiji aktar ekoloġiċi bħal dik solari, tar-riħ, tal-idroġenu nadif, tal-batterji u l-qbid tal-karbonju li jevitaw jew jimminimizzaw l-impatti fuq l-ambjent naturali u n-nies.

3.4. Il-KESE jinnota b'dispaċir uħud mill-analiżi u t-tendenzi inkwetanti fir-reġjun li jeħtiġu azzjoni urġenti. Ekonomiji tal-Balkani tal-Punent għadhom jiddependu ħafna fuq fjuwils fossili solidi u għandhom intensità għolja fl-użu tal-enerġija. Ir-reġjun huwa affettwat ħażin mit-tibdil fil-klima (nixfiet, għargħar), u ż-żieda mistennija fit-temperatura tiegħu hija ta' 4 °C sa tmiem is-seklu⁽⁹⁾. Il-biċċa l-kbira tat-trasport bit-triq isir b'vetturi antiki li huma inqas effiċjenti fl-użu tal-fjuwil. Uħud mill-bliet tar-reġjun jinsabu fuq nett fil-klassifiki Ewropej tat-tniġġis PM2,5 u PM10,0 (Sarajevo, Pristina, Skopje, Belgrad).

3.5. Madankollu, il-KESE jfakkar li r-reġjun għandu potenzjal ta' enerġija rinnovabbli sinifikanti (idro, riħ u solari), kif ukoll potenzjal sinifikanti fir-riżorsi naturali u fil-bijodiversità straordinarja. L-isfidi li qed jiffaċċja rigward id-dekarbonizzazzjoni, it-tindif tal-arja, l-ilma u l-ħamrija mit-tniġġis, il-konnettività u t-tibdil fil-klima jistgħu jinbidlu f'opportunitajiet permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, jiġu adottati approċċi alternattivi, l-ekonomija ċirkolari, l-immaniġġjar tal-iskart, enerġija aktar ekoloġika, effiċjenza fl-enerġija u soluzzjonijiet ta' konnettività.

3.6. Il-KESE jfakkar li, fis-Summit ta' Poznań dwar il-Balkani tal-Punent⁽¹⁰⁾, l-UE kkonfermat l-impenn tagħha dwar l-ambjent u l-klima, fejn approvat id-dikjarazzjoni konġunta dwar "It-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa fil-Balkani tal-Punent" tal-21 Frar 2019.

⁽⁷⁾ ĠU C 262, 25.7.2018, p. 15.

⁽⁸⁾ COM(2019) 640 final (11.12.2019) *Anness għall-Patt Ekoloġiku Ewropew*.

⁽⁹⁾ <https://www.rcc.int/pubs/62>

⁽¹⁰⁾ Parti mill-Inizjattiva tas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (magħrufa wkoll bħala l-Proċess ta' Berlin), li tnediet fl-2014, għandha l-għan li tappoġġja lis-sitt Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija fix-Xlokk tal-Ewropa: l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja biex isaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u jixprunaw tkabbir u impjegji sostenibbli.

3.7. It-tranżizzjoni minn ekonomiji bbażati fuq il-fjuwils fossili lejn ekonomiji ekoloġiċi tinkludi wkoll l-interkonnnettività, li tvarja minn enerġija, trasport u infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-aġenda diġitali. Fil-kisba tat-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika, in-negozju jrid jitqies bħala parti mis-soluzzjoni. Bil-qafas u l-appoġġ adatti, it-tranżizzjoni newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju se timmodernizza l-industrija, u toħloq impjiegi ġodda ta' kwalità għolja u aktar opportunitajiet ta' impjeg. L-involvement tal-imsieħba soċjali, tan-negozji u ta' assoċjazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-Balkani tal-Punent fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-promozzjoni ta' ekonomija intelliġenti, ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju huwa essenzjali. Fil-proċess, il-politiki soċjali u d-djalogu soċjali huma garanzija essenzjali ta' soċjetà koeżiva li timmira għal impjiegi għal kulħadd u tnaqqas l-inugwaljanzi u l-esklużjoni.

3.8. Il-KESE jshaq fuq il-bżonn li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti bis-sħiħ fid-definizzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala oġettiv politiku ta' prijorità, li jippromovi "investment ekoloġiku" fir-reġjun. L-akkademja, l-impjegaturi u l-impjegati, il-katalizzaturi soċjali, pereżempju l-impreduturi, il-midja u mexxejja reliġjużi jew mexxejja oħrajn bejn il-fruntieri nazzjonali huma vetturi importanti għal żvilupp inklużiv u sostenibbli. Il-komunitajiet xjentifiċi, il-gruppi kulturali, ir-ragruppamenti industrijali u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, fost oħrajn, għandhom għarfien espert sinifikanti biex jappoġġjaw din l-għażla importanti għar-reġjun, li tkun l-għażla t-tajba għall-ekonomija u s-soċjetà.

3.9. Jeħtieġ li jiġu żviluppati ħliet ekoloġiċi fi ħdan strateġiji attivi nazzjonali u reġjonali għall-edukazzjoni/taħriġ u l-ħliet f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti u fi djalogu soċjali effettiv, inklużi l-istudenti, l-għalliema, u l-ġenituri għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika. Jekk it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari titqies bħala għan strateġiku għall-Balkani tal-Punent, it-trawwim tal-ħliet ekoloġiċi għandu jiġi allinjat ma' strateġiji ta' tkabbir nazzjonali sabiex jiġi żgurati li l-inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ jissodisfaw għanijiet strateġiċi nazzjonali u jkunu appoġġjati b'finanzjament suffiċjenti. Il-KESE jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tfassil ta' politiki ġodda dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ (it-titjib tal-ħliet u t-taħriġ mill-ġdid) u l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex tiġi żgurata ugwaljanza aħjar bejn is-sessi u tranżizzjoni aktar ġusta lejn ekonomija aktar ekoloġika.

3.10. Sabiex jiġu indirizzati l-qgħad u nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħliet, għandu jiġi introdott tbassir aħjar tal-ħliet, sabiex jiġi żgurati li l-ħliet tal-istudenti u tal-forza tax-xogħol jikkorrispondu għal dawk meħtieġa fis-suq tax-xogħol, kif ukoll li jiġu msaħħa l-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET) u b'mod partikolari, it-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u sistemi ta' edukazzjoni doppja li għenu biex jiġi indirizzati b'suċċess il-qgħad fost iż-żgħażaġh f'ċerti Stati Membri tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, għandu jiġi mfittex u promoss l-involvement attiv tan-negozji u tal-assoċjazzjonijiet tan-negozji tagħhom, bħall-Kmamar tal-Kummerċ.

3.11. Fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-KESE jappoġġja l-prinċipju li "ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura". Għandha tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċittadini u speċjalment lill-gruppi vulnerabbli billi jiġi żgurati li l-enerġija tkun affordabbli u aċċessibbli u li dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ għal miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija. Reġjuni dipendenti fuq il-faħam jeħtieġ li jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni ġusta tagħhom biex jiżviluppaw pjani parteċipattivi ta' żvilupp mill-ġdid minn isfel għal fuq sabiex jiġi mmitigat it-telf ta' impjiegi. Il-konsumaturi jeħtieġ li jiġu infurmati, iggwidati u involuti fl-aċċettazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' imġiba responsabbli, li se jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima.

3.12. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza ġeopolitika u ġeoeconomika tar-reġjun għall-UE u jitlob viġilanza fir-rigward tal-investment minn pajjiżi terzi, li ta' spiss jagħtu inqas attenzjoni għall-oġettivi tas-sostenibbiltà. Il-KESE jitlob lill-awtoritajiet u lis-soċjetà ċivili fir-reġjun jippromovu u jissensibilizzaw dwar l-involvement pożittiv u l-appoġġ finanzjarju tal-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi.

3.13. Il-KESE jitlob evalwazzjoni *ex ante* dwar il-finanzjament ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli fil-Balkani tal-Punent u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kondizzjonalità fuq is-sostenibbiltà tal-proġetti.

4. It-tibdil fil-klima u l-Balkani tal-Punent

4.1. Il-KESE jfakkar li l-Balkani tal-Punent huma sensitivi ħafna għall-impatti tat-tibdil fil-klima, u fl-aħħar snin sofrew għarġar u nixfiet li kkawżaw ħsara kbira. L-Istudju tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR)⁽¹⁾ dwar it-tibdil fil-klima rrekordja żieda osservata fit-temperatura ta' 1,2 °C b'żieda ulterjuri ta' 1,7 sa 4,0 °C sa tmiem is-seklu. Barra minn hekk, il-problemi tat-tniġġis tal-arja ġew iddokumentati sew, u kkawżaw ħsara għas-saħħa ġenerali u għall-ekonomija.

⁽¹⁾ <https://www.rcc.int/pubs/62>

Billi t-tibdil fil-klima qed ifixkel il-ħtiġijiet bażiċi tal-ħajja (il-kenn, l-ikel u l-ilma), it-tfal u ż-żgħażaġħ huma fost l-aktar vulnerabbli meta niġu għal impatti diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima, li ġie enfasizzat minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹²⁾.

4.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-impjenji tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015 ⁽¹³⁾ li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll li jżidu l-ambizzjoni tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom maż-żmien f'konformità mal-aktar xjenza reċenti. Lil hinn mill-gvernijiet, partijiet ikkonċernati oħra bħal negozji, bliet u NGOs għandhom rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.

4.3. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll l-impjenji tal-pajjiżi skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 2030 tan-NU, pjan iddettaljat sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-faqar, l-inugwaljanza, it-tibdil fil-klima, il-qerda ambjentali, il-paċi u l-ġustizzja. Huwa wkoll tal-akbar importanza li l-mudell il-ġdid ta' żvilupp ikun appoġġat miċ-ċittadini, min-negozji, u mis-settur finanzjarju f'kull pajjiż, u fil-livell internazzjonali.

4.4. Il-KESE huwa konxju tal-fatt li n-negozjati dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima jirrappreżentaw wieħed mill-aktar kapitolu ta' sfida fin-negozjati, b'mod partikolari għal direttivi b'ammont kbir ta' investiment bħall-ilma, l-iskart, l-emissjonijiet industrijali u direttivi ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Madanakollu, huwa jemma li t-tibdil fil-klima jitlob azzjonijiet radikali u trasformattivi li jeħtieġu mhux biss allinjament tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni, iżda wkoll bidla fil-paradigma ekonomika u tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, reżiljenti għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. B'tali mod, strateġiji klimatiki jew ta' dekarbonizzazzjoni fil-livell lokali u nazzjonali huma fil-fatt strateġiji ġodda ta' tkabbir.

4.5. Konxju tal-fatt li l-proċess ta' żvilupp ta' strateġija klimatika jeħtieġ riformi profondi u trasformazzjoni tas-setturi kollha, il-KESE jitlob li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jiżviluppaw u jimplimentaw l-istrateġiji tagħhom b'mod konformi mal-acquis tal-UE, u jikkoordinaw il-ħidma biex jiġu żviluppanti strateġiji ta' żvilupp fit-tul b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra sal-2050 bħala partijiet tal-UNFCCC, b'parteċipazzjoni attiva u involviment imsaħħaħ tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.6. Il-pajjiżi kollha ħliet il-Bożnija-Ħerżegovina stabbilixxew korpi ta' koordinazzjoni ta' livell għoli dwar it-tibdil fil-klima biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata f'politiki settorjali oħra, b'mod partikolari l-iżvilupp ekonomiku, l-enerġija, it-trasport u l-agrikoltura, bl-għan li jitqiesu t-tħassib u l-kummenti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fit-tħejija ta' dokumenti strateġiċi u ta' politika u leġiżlazzjoni. Il-KESE jirakkomanda li kollha kemm huma jinkludu rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-bidu nett tal-konsultazzjonijiet regolatorji u/jew leġislattivi. Il-KESE jirakkomanda li jiġi żviluppat mekkaniżmu li jippermetti li jiġi indirizzat kull tħassib f'waqtu, b'mod trasparenti u parteċipattiv.

4.7. Minħabba li l-maġġoranza tal-ispejjeż ta' allinjament mad-Direttiva tal-EU dwar l-ETS se jkollhom jiġġarrbu mill-industrija, il-KESE jirakkomanda li s-soċjetà ċivili, l-industrija u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jkunu involuti b'mod partikolari f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-rigward tad-Direttiva dwar l-ETS. Din tippreżenta rekwiżit ta' investiment kbir għall-Balkani tal-Punent, speċjalment dawk b'setturi industrijali kbar, peress li dawn m'għandhomx biżżejjed kapaċità biex jindirizzaw l-implikazzjonijiet tad-Direttiva, li m'humiex biss relatati mal-investiment, iżda jeħtieġu wkoll tibdil fl-ambjent regolatorju, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ u r-rapportar, u l-verifika u l-akkreditazzjoni tal-emissjonijiet.

5. L-Enerġija fil-Balkani tal-Punent

5.1. Il-KESE jappoġġja l-Unjoni tal-Enerġija u l-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għandhom obbligu li jallinjaw ma' dawn il-politiki, iżda għandhom ikunu impenjati u involuti b'mod aktar attiv fl-Unjoni tal-Enerġija mid-diskussjonijiet tal-bidu.

5.2. Il-KESE jappoġġja d-dikjarazzjoni konġunta tal-2019 dwar "It-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa fil-Balkani tal-Punent", maqbula mill-ministri għall-enerġija u għall-ambjent tal-Balkani tal-Punent fuq il-prinċipji ta' żvilupp ta' enerġija idroelettrika sostenibbli fil-Balkani tal-Punent ⁽¹⁴⁾, u jfakkar li l-input u l-impenn qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu strumentali fl-adozzjoni tagħhom. Il-KESE jqis li, għalkemm dawn huma l-ewwel passi tajba, jeħtieġ li jsir aktar.

⁽¹²⁾ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tikkalkula li t-tfal se jsufu aktar minn 80 % tal-mard, korrimenti u mwiet ikkawżati mit-tibdil fil-klima.

⁽¹³⁾ Il-Kosovo mhux parti għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għalhekk m'għandux kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC). Madanakollu, il-Kosovo adotta l-istrateġija dwar it-Tibdil fil-Klima.

⁽¹⁴⁾ L-enerġija idroelettrika fost sorsi ta' enerġija rinnovabbli oħra; ir-riabilitazzjoni ta' strutturi eżistenti bħala prijorità, numru limitat ta' sorsi kbar ta' enerġija idroelettrika addizzjonali; integrazzjoni fil-grilja ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tas-suq tal-elettriku reġjonali; immaniġġjar integrat tar-riżorsi tal-ilma; il-kunsiderazzjoni tal-impatti tat-tibdil; il-kunsiderazzjoni tal-impatti ambjentali tal-iżvilupp ta' enerġija idroelettrika; kif ukoll kunsiderazzjonijiet transfruntiera u prinċipji ta' sostenibbiltà fl-ippjanar tal-enerġija idroelettrika.

5.3. F'konformità ma' dan, il-KESE jirrakkomanda li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Balkani tal-Punent jithallaw ikollhom rwol attiv u konkret, inkluż li jagħmlu proposti, fl-attività tal-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE.

5.4. Il-KESE jemmen li l-isforzi biex jintlaħqu l-miri ta' Pariġi, u t-tkabbir sostenibbli b'mod ġenerali, iridu jkunu msejsa fuq *azzjonijiet adatti* moderni u adegwati għall-iskop tagħhom għar-reġjun. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' infrastruttura moderna "li tħares 'il quddiem", l-istabbiliment ta' qafas leġislattiv u regolatorju adegwat u t-tħaddin ta' teknoloġiji ġodda u l-mudelli ta' negozju korrispondenti għal żvilupp "ekoloġiku u inklużiv" tal-ekonomiji tar-reġjun. F'termini konkreti, dan se jfisser il-bini ta' networks "intelliġenti" ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija li jakkomodaw is-sehem dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli intermittenti fit-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Bl-istess mod, l-iżvilupp ta' swieq tal-istess ġurnata, tal-ibbilanċjar u tal-ħażna jibbenefika l-ħolqien ta' soluzzjonijiet immexxija mis-suq biex ir-riżorsi jiġu allokati kif xieraq fit-taħlita tal-enerġija li diġà qed tinbidel minn fjuwils fossili għal enerġija aktar nadifa.

5.5. Il-KESE jqis li qafas leġislattiv u regolatorju robust, modern u trasparenti huwa essenzjali għall-iżvilupp tas-suq tal-enerġija u biex jiġi attirat l-investiment il-ġdid meħtieġ għall-finanzjament ta' infrastruttura u kapaċità ġodda. Ir-rwol tal-Komunità tal-Enerġija ⁽¹⁵⁾ u t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Komunità f'kundizzjoni *sine qua non*. Bl-istess mod, attivitajiet transfruntiera bħall-kummerċ tal-enerġija jistgħu jwasslu għal aktar effiċjenza u ffrankar f'termini ta' enerġija u spejjeż, dment li l-parteċipanti kollha tas-suq jikkonformaw ma' regoli simili dwar konformità ambjentali u pprezzar tal-karbonju. Madankollu, ir-rwol tal-Bord Regolatorju tal-Komunità tal-Enerġija (ECRB) huwa importanti ħafna u se jkollu jiġi msaħħaħ, filwaqt li jitqies il-fatt li għażliet sostenibbli jeħtieġu swieq transfruntiera li jiffunzjonaw sew. L-UE għandha tappoġġja lis-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija biex jgħin lill-gvernijiet reġjonali joħolqu pjani nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima (NECPs) robusti, ispirati mill-miri tal-2030 għar-reġjun. L-NECPs għandhom jirriflettu l-ambizzjoni meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, b'kunsiderazzjoni tas-salvagwardji ambjentali. Dawn għandu jkollhom politiki u miżuri relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi emittenti ewlenin kollha sabiex jintlaħqu l-miri tal-2030 u l-kontributi tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll prospettiva lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050.

5.6. Il-KESE jappella għal persentaġġ adegwat ta' dispożizzjonijiet tal-baġit għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Huwa jiddispaċiħ għall-intensità baxxa tar-RĠI fil-Balkani tal-Punent u jappella għall-parteċipazzjoni aħjar tagħhom fi programmi tal-UE disponibbli, inkluż Orizzont Ewropa, peress li investimenti bħal dawn huma kruċjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għal tranżizzjoni ekoloġika effiċjenti.

5.7. Minħabba li l-innovazzjoni għandha rwol essenzjali fix-xenarju tal-enerġija li qed jinbidel, il-KESE jirrakkomanda li l-enerġija *distribwita*, jiġifieri l-enerġija prodotta u kkunsmata lokalment, għandha titqies bis-serjetà fir-rigward tal-Balkani tal-Punent. Minħabba li r-reġjun għandu meded estensivi ta' muntanji, mhuwiex faċli jew kosteffettiv li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni mifruxa ta' networks tal-elettriku b'vultaġġ għoli u medju. Is-soluzzjonijiet teknoloġiċi preżenti huma ħafna aktar maturi, u ekonomikament vijabbli, biex jappoġġjaw l-enerġija distribwita. L-esperjenzi attwali tal-UE u l-qafas leġislattiv-regolatorju ta' sostenn tal-UE għall-prosumaturi u għall-komunitajiet *tal-enerġija* jistgħu jirfdu dan l-approċċ il-ġdid. Tali mudelli ta' negozju jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet aktar adatti biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi lokali, fejn l-atturi lokali jkunu jistgħu jiġu involuti b'mod dirett f'soluzzjonijiet sostenibbli u għalhekk *ikollhom is-sjeda* tat-tranżizzjoni lejn żvilupp sostenibbli.

5.8. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-*effiċjenza fl-enerġija* għandha potenzjal kbir fil-Balkani tal-Punent. Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet inklużi binjiet pubbliċi u privati, industrijali u attivitajiet oħra se jrendu ffrankar importanti tal-enerġija u l-ispejjeż, filwaqt li tiġi indirizzata l-problema importanti tal-faqar enerġetiku. L-iffrankar tal-enerġija huwa wkoll parti importanti tal-mudell ta' negozju u soċjali "tal-enerġija lokali", peress li l-irkupru tas-sħana għall-użu industrijali u/jew residenzjali jagħmel sens fil-livelli lokali jew reġjonali. Barra minn hekk, it-telf fid-distribuzzjoni huwa għoli wkoll fil-maġġoranza tal-pajjiżi fir-reġjun u jeħtieġ investiment sinifikanti. Għalhekk, hawn ukoll jista' jkun strumentali l-finanzjament tal-UE u dak internazzjonali għall-iżvilupp ta' *produzzjoni u konsum ta' enerġija effiċjenti, lokali u b'impatt baxx fuq l-ambjent*. Fid-dawl tal-mezzi limitati tal-pajjiżi fir-reġjun, tali finanzjament se jkun neċessarju minħabba l-intensità tal-kapital inizjali tal-investimenti u l-perjodu relattivament estensiv tad-deprezzament tagħhom. It-teknoloġiji Ewropej huma maturi teknikament u ekonomikament u għalhekk huma adatti għar-reġjun. Il-KESE jappella lill-UE u lill-korpi ta' finanzjament rilevanti jsaħħu l-involvement tagħhom fi proġetti lokali u reġjonali dwar l-effiċjenza fl-enerġija.

⁽¹⁵⁾ Il-Komunità tal-Enerġija, li ilha fis-seħħ mill-2006 (mandat estiż fl-2016), għandha l-għan li xxerred ir-regoli u l-prinċipji tas-suq intern tal-enerġija tal-UE bejn il-membri tagħha: l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja, il-Moldavja, l-Ukrajna, flimkien ma' pajjiżi assoċjati l-Armenja, il-Ġeorġja, in-Norveġja u t-Turkija. Il-kwartieri ġenerali tagħha jinsabu fi Vjenna (www.energy-community.org).

5.9. Il-KESE jitlob li l-Komunità tal-Enerġija, li għandha l-għan li tespandi l-acquis tal-UE dwar l-enerġija, il-klima u l-ambjent għall-pajjiżi tat-tkabbir u dawk tal-viċinat, tiġi integrata aktar mill-qrib fil-proġett tal-Unjoni tal-Enerġija, speċjalment fir-rigward tal-azzjonijiet ta' prijorità identifikati hawn fuq. L-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili għandhom jiġu involuti u integrati b'mod sistematiku fil-laqgħat tal-Komunità tal-Enerġija.

6. Il-konnettività fil-Balkani tal-Punent

Trasport

6.1. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-iżvilupp ta' networks ta' trasport moderni u "b'validità għall-futur" fir-reġjun sabiex jissaħħu l-kummerċ u l-mobbiltà transfrontiera. Minħabba l-bżonn li jittejjbu drastikament in-networks eżistenti urbani, tat-toroq u b'mod partikolari dawk ferrovjarji li għadda żmienhom fil-Balkani tal-Punent, kwalunkwe kostruzzjoni ġdida għandha mill-bidu nett tkun b'tali mod li tappoġġja l-elettromobbiltà jew l-idroġenu nadif iżda wkoll, fejn xieraq, vetturi li jaħdmu bil-gass. Dan se jippermetti li l-infrastruttura tibqa' valida u rilevanti għal diversi għexieren ta' snin, filwaqt li tittejjeb il-kwalità tal-arja u jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-fjuwils.

6.2. Għal kwalunkwe waħda mis-soluzzjonijiet possibbli għas-sostenibbiltà magħżula (pereżempju l-elettromobbiltà, il-bijofjuwil, l-idroġenu nadif), l-UE u l-kumpaniji kif ukoll l-għarfien espert Ewropej jistgħu jgħinu fl-introduzzjoni bla xkiel tagħhom fir-reġjun. Il-KESE jistieden lill-Balkani tal-Punent jinvolvu ruħhom b'mod attiv mal-atturi pubbliċi u privati mill-UE u jieħdu passi ambizzjużi fl-iżvilupp tan-networks tat-trasport tagħhom. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li jiġu adottati l-eżempji tal-aħjar Prattiki tal-UE, bħall-Pjani ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs). Dawn l-inizjattivi jistgħu jiġu implimentati permezz tal-Komunità tat-Trasport, li għadha mhijiex organizzazzjoni attiva ħafna.

Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

6.3. In-networks tad-data u l-ICT qed isiru l-qofol tal-attività ekonomika, industrijali u soċjali. Barra minn hekk, hemm rabta ewlenija diretta bejn l-ICT u n-networks tal-internet rapidi u l-iżvilupp sostenibbli – minħabba l-effiċjenza ta' għażliet iffaċilitati bl-awtomazzjoni li n-networks intelliġenti huma kapaċi jappoġġjaw, pereżempju l-internet tal-oġġetti, il-bliet u l-irħula intelliġenti, l-arloġġi intelliġenti, il-vetturi konnessi eċċ. Hija meħtieġa skala għall-finanzjament ta' tali networks u teknoloġiji, li bħalissa huma għaljin, iżda potenzjalment trasformattivi għall-ekonomiji tar-reġjun. Għalhekk, il-KESE jitlob kemm li l-finanzjament tal-UE jiġi mmirat lejn dan, kif ukoll jistieden lill-Balkani tal-Punent jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw pjan direttur reġjonali għall-implimentazzjoni ta' internet rapidu, li joffri l-possibbiltà li jinnegożjaw kuntratti konġunti u jiksbu termini aħjar permezz tan-negożjar kollettiv u tal-iskala.

7. Riżorsi naturali, bijodiversità u miżuri agroalimentari fil-Balkani tal-Punent; opportunitajiet għal tkabbir

7.1. Il-Balkani tal-Punent għandhom habitats rikki fil-bijodiversità u pristini, bi grad għoli ta' tisgħir, li ffaċċjaw sensiela ta' theddid, inkluż it-tifrix ta' żoni mibnija f'żoni urbani u kostali, attivitajiet ta' tħaffir, żvilupp li mhuwix regolat sew ta' impjanti tal-idroenerġija żgħar mibnija mingħajr analiżi komprensiva tal-impatt tagħhom fuq il-bijodiversità, u kaċċa u qtugħ ta' injam mhux regolati. Il-gvernijiet haċu serje ta' passi biex jiproteġu lill-ispeċi u lill-habitats, u żiedu l-ammont ta' territorju protett.

7.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-ekonomiji fraġli tal-Balkani tal-Punent jesploraw possibbiltajiet biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u jimxu lejn ekonomija ċirkolari, jiżviluppaw u jsegwu mekkaniżmi ta' protezzjoni sostenibbli għal pajsaġġi u habitats ta' konservazzjoni u valur soċjali għoljin mhedda (inklużi xmajjar), kif ukoll lejn it-teknoloġiji ekoloġiċi l-ġodda. Il-habitats rikki fil-bijodiversità u pristini tar-reġjun għandhom potenzjal ekonomiku sinifikanti għall-ekoturiżmu u l-agrituriżmu, iżda l-kapaċitajiet u l-konformità jeħtieġ li jittejjbu. Bħala medja, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi hija baxxa ħafna filwaqt li l-produttività tar-riżorsi hija ħames darbiet inqas mill-medja tal-UE, bi Prattiki ta' riċiklaġġ u mmaniġġjar tal-iskart batuti. Sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni, hija meħtieġa bidla lejn ekonomija ċirkolari, kif ukoll li jiġu żviluppanti u jintużaw teknoloġiji ekoloġiċi ġodda fir-reġjun.

7.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-pajjiżi jħaddnu b'mod sħiħ il-prinċipji tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità⁽¹⁶⁾ li ġiet proposta reċentement, b'enfasi partikolari fuq l-estensjoni tal-firxa taż-żona protetta, inkluż protezzjoni stretta u restorazzjoni ta' habitats degradati. Għalhekk, hija meħtieġa ħafna reviżjoni tal-Istrateġija u l-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità malajr kemm jista' jkun, u/jew, bħala minimu, sottomissjoni tal-impnenji nazzjonali għall-aktar miri importanti.

⁽¹⁶⁾ COM(2020) 380 final (20.05.2020), *L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030*.

7.4. It-tibdil fil-klima jaffettwa wkoll il-produzzjoni tal-ikel u l-ktajjen tal-valur u jikkawża ħsara konsiderevoli u telf fil-produzzjoni tas-setturi tal-għelejjel, tal-bhejjem, tas-sajd u tal-forestrija. L-Istrateġija tal-UE Mill-Għalqa sal-Platt⁽¹⁷⁾ li għet proposta dan l-aħħar għandha tistabbilixxi l-prinċipji gwida għall-iżvilupp tal-istrateġija għall-agrikoltura reġjonali u nazzjonali, inkluż tnaqqis fl-ammont ta' pestiċidi, fertilizzanti u antibijotiċi sabiex jiġi prodott ikel sostenibbli u jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom dħul deċenti bi prezzijiet deċenti, filwaqt li fl-istess ħin gradwalment jieqfu jintużaw sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

8. Kundizzjonijiet trasversali għal tranżizzjoni sostenibbli b'suċċess tal-Balkani tal-Punent

8.1. Il-KESE jfakkar li tranżizzjoni b'suċċess lejn Balkani tal-Punent aktar ekoloġiċi ma tistax isseħħ mingħajr kundizzjonijiet abilitanti bażiċi, primarjament fir-rigward ta' oqfsa politiki nazzjonali stabbli u trasparenti, u rieda politika. L-istat tad-dritt fil-ġabra tal-Fundamentali, kif definit mill-metodoloġija ta' adeżjoni riveduta, huwa valur ewlieni li fuqu hija mibnija l-UE, li bix-xieraq jiddetermina r-ritmu tal-proċess tat-tkabbir. In-nuqqas tiegħu joħloq ambjent li mhux favorevoli għall-bidla, l-investment u t-tranżizzjoni tant b'żonjuża lejn soċjetajiet aktar sostenibbli.

8.2. Il-KESE għalhekk jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali tar-reġjun jieħdu miżuri urġenti, profondi u sinifikanti biex jiżguraw il-funzjonament effiċjenti u trasparenti ta' amministrazzjonijiet pubbliċi, jiġġieldu u jeliminaw il-korruzzjoni, jiżguraw l-indipendenza sħiħa tas-sistemi ġudizzjarji, joħlqu ambjent kummerċjali prevedibbli u attraenti u "kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni" (jiġifieri jiġu żgurati t-trasparenza tas-suq, iċ-ċarezza regolatorja u l-konsultazzjoni miftuħa tal-partijiet ikkonċernati kollha), jiffavorixxu l-innovazzjoni u l-kompetittività, u jsaħħu l-involvement tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, peress li dan huwa l-unika mod kif jinkisbu riżultati tanġibbli u fit-tul.

8.3. Is-soċjetà ċivili organizzata fil-komponenti kollha tagħha, l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn għandhom rwol ċentrali u attiv fil-mixja lejn l-iżvilupp sostenibbli fil-Balkani tal-Punent. Il-konnessjoni tagħhom mas-soċjetà hija tali li jistgħu jikkatalizzaw appoġġ pubbliku u leġittimità qawwija għal dan l-oġġettiv tal-politika. Is-soċjetà ċivili organizzata se tkun strumentali fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala "għażla attiva tas-soċjetà", u għalhekk għażla milqugħa u appoġġata mill-kampijiet politiki u soċjali kollha.

8.4. Il-KESE jfakkar lill-awtoritajiet tal-Balkani tal-Punent dwar l-importanza li tiġi garantita l-libertà ta' assoċjazzjoni u li jiġi żgurat spazju ċiviku li jippermetti djalogu ċivili b'saħħtu u effettiv. Huwa jstieden lill-gvernijiet kollha tal-Balkani tal-Punent biex jadottaw strateġiji nazzjonali għal ambjent favorevoli u bini ta' kapaċità għall-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-pjani ta' azzjoni li jakkumpanjawhom.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁷⁾ COM(2020) 381 final, *Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"*.